MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 13/2003

**Kosmipharma Imports Ltd.**

**vs**

**Joe Bellizzi**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-6 ta' Jannar 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mitejn u sbatax –il Lira Maltija u sittax –il centezmu (Lm217.16), rapprezentanti prezz ta kimika u merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut fuq ordni tieghu stess.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali u b'hekk il-konvenut jibqa' ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta' l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta' l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u sbatax –il Lira Maltija u sittax –il centezmu (Lm217.16), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------